**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Żammit**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 16 t'Ottubru 2019**

**Talba Nru: 217/19 CZ**

**GO plc (C 22334)**

**vs.**

**Gianluca Bianco**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tas-socjeta' attrici mressqa fis-16 t'Awwissu 2019 fejn premettiet:

Illi l-konvenut ghandu jaghti lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, disa' mija u erbghin Euro u hamsa u erbghin centezmu (€1,940.45) in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kont bin-numru 40814440.

Illi interpellat sabiex jghaddi ghall-hlas, il-konvenut baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenut li minn issa huwa ingunt ghas-subizzjoni.

Bl-ispejjez u drittijiet, u bl-imghaxijiet legali.

Ra li l-konvenut, debitament notifikat, ma pprezentax risposta u lanqas deher quddiem it-Tribunal fl-ebda seduta.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici fis-seduta tal-14 t'Ottubru 2019.

Ikkunsidra l-fatt illi l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghall-Kapitolu. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, disa' mija u erbghin Euro u hamsa u erbghin centezmu (€1,940.45) bl-imghaxijiet legali kif mitluba sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez u drittijiet, ikunu a karigu tal-konvenut.

**Dr. Claudio Zammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur